MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1034/2011

**Fl-atti tac-Cedola ta` Depositu**
**numru 397/2009 fl-ismijiet :**

**Borg & Aquilina Limited (C-496)**

***kontra***

**Gesmond sive Jesmond Sant (ID no. 17766M) u martu Rita Sant (ID no. 151865M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li s-socjeta` Borg & Aquilina Limitedipprezentat fil-21 ta` Ottubru 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-imsemmijin Gesmond sive Jesmond u Rita, konjugi Sant fis-somma totali ta` sbatax-il elf sitt mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u disghin centezmu (€17,629.98) dovuti in kwantu ghal €10,417.14 f`sorte, in kwantu ghal €5,717,78 f`imghaxijiet kalkulati sat-30 ta` Settembru 2011 u in kwantu ghal €1,495.06 (inkluz €137.80 f`VAT) fi spejjez gudizzjarji u dan wara sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi deciza fit-12 ta` Lulju 2007 (Citazz Nru. 168/2005 AL).*

*2. Illi in kawtela tal-pretensjonijiet taghha l-esponenti kienet intavolat mandat ta` qbid illi bis-sahha tieghu gew elevati zewg vetturi proprjeta` tad-debituri, u cioe` vetturi bin-numru ta` registrazzjoni BBJ 129 tal-ghamla 'Peugeot' u CAC 238 tal-ghamla 'Ford Transit'.*

*3. Illi pendente lite kienet l-esponenti illi hallset l-ispejjez ta` kiri ta` garage fejn il-kunsinnatarju zamm il-hwejjeg maqbuda sakemm inbieghu u dan swiha t-total ta` €4,612.16.*

*4. Illi wara l-ghoti tas-sentenza tat-12 ta` Lulju 2007 l-esponenti kienet talbet il-bejgh tal-vetturi maqbuda u fil-bejgh tal-irkant mizmum taht l-Awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti nhar l-erbgha (4) ta` Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet premessi, gew liberati favur is-socjeta` rikorrenti l-vetturi msemmija bin-numru ta` registrazzjoni BBJ 129 tal-ghamla 'Peugeot' u CAC 238 tal-ghamla 'Ford Transit' bil-prezz ta` sitt elef, sitt mija u hamsin ewro (€6,650.00).*

*5. Illi wara opposizzjoni tas-socjeta` bankarja Bank of Valletta p.l.c ghal talba ghat-tpacija li saret mis-socjeta` rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti, f`sentenza taghha datata 17 ta` Gunju 2008, iddecidiet illi s-socjeta`*

*rikorrenti ghandha tiddepozita l-prezz tal-bejgh hlief ghal spejjez tal-irkant li skont taxxa gudizzjarja jammontaw ghal €343.13.*

*6. Illi l-esponenti kkontendiet illi ai termini tal-artiklu 2003(a) tal-Kodici Civili hija tgawdi privilegg fuq spejjez gudizzjarji nkluz l-ispejjez ta` kiri ta` garage fl-ammont ta` €4,612.16. Il-Qorti pero` ddecidiet fis-sentenza tas-17 ta` Gunju 2008 illi din hija kwistjoni illi ghandha tigi deciza fi proceduri ta` konkors ta` kredituri.*

*7. Illi ghandu jinghad illi sussegwentement is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors kongunt mal-Bank of Valletta plc fejn intalab illi :*

*i) lis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. tirtira u tizbanka mill-atti tac-Cedola ta` Depositu fuq imsemmija s-somma ta` tlett elef Ewro (€3,000) ; u*

*ii) li s-socjeta` Borg & Aquilina Limited tirtira u tizbanka mill-imsemmija Cedola ta` Depositu r-rimanenti somma ta` tlett elef, mitejn u tlieta u sebghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€3,273.33) ;*

*8. Ir-rikors pero` ma kienx intlaqa` stante mandati ta` terzi.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ftuh ta` Konkors ta` Kredituri ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta) fuq id-depositu ta` sitt elef, sitt mija u hamsin Euro [€6,650.00] li sar permezz tac-cedola fuq imsemmija.*

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Novembru 2011 fejn tat provvediment u direzzjoni skond l-Art.416 tal-Kap.12.

Rat in-nota li s-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ipprezentat fis-6 ta` Jannar 2012 fejn iddikjarat illi hija kreditrici ta` Jesmond Sant in forza ta` sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Jesmond Sant (Numru 109/05 JAB)* li ghaddiet in gudikat.

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti minn Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

Rat ir-rikors illi s-socjeta` Bank of Valletta plc ipprezentat fit-23 ta` Jannar 2012 fejn, ghar-ragunijiet li ndikat, talbet li tkun ammessa fil-lista tal-kredituri, li l-kreditu taghha jigi pregradwat u li tigi awtorizzata tizbanka s-somma ta` flus depozitata bic-cedola ta` depozitu fuq imsemmija.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti ma` dan ir-rikors.

Rat ir-rikors illi s-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ipprezentat fit-23 ta` Jannar 2012 fejn, ghar-ragunijiet li ndikat, talbet li tkun ammessa fil-lista tal-kredituri u li t-talba taghha tigi gradwata skond l-Art 416 et seq tal-Kap 12.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti ma` dan ir-rikors.

Rat in-nota li Rita Sant ipprezentat fid-19 ta` Lulju 2012 fejn irrimettiet ruhha ghall-gudizzju tal-Qorti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2012 fejn iddikjarat illi dawk il-kredituri li talbu li jikkonkorru sa dakinhar kienu qeghdin jithallew jikkonkorru. Ghalhekk il-kredituri konkorrenti huma : 1) Borg & Aquilina Limited ; 2) Bank of Valletta plc ; u 3) Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

Rat id-digriet l-iehor li tat fl-istess udjenza fejn hatret lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex jirrelata dwar il-konkors.

Rat il-provi tal-konkorrenti li ngabru kollha mill-perit legali.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-kredituri konkorrenti qabel il-perit legali gie biex jestendi r-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni peritali (fol 213 sa fol 219) li kienet prezentata fit-23 ta` Mejju 2013 u mahlufa fl-udjenza tal-10 ta` Ottubru 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza ta` din l-udjenza fejn il-kreditrici Borg & Aquilina Limited iddikjarat illi kienet qeghda tirrimetti ruhha ghar-rapport.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Novembru 2013 fejn il-kreditrici Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd iddikjarat illi kienet qeghda tirrimetti ruhha ghar-rapport u fejn il-kreditrici Bank of Valletta plc iddikjarat illi l-unika kontestazzjoni dwar ir-rapport peritali kienet il-mod kif il-perit relatur ittratta l-ispejjez tal-konsennatarju u c-cirkostanzi li wasslu biex jippregradwaw bhala spejjez gudizzjarji.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Il-konkorrenti</u>**

Is-somma ta` €6,650 kien ir-rikavat ta` bejgh bis-subbasta ta` zewg vetturi
li kienu jappartjenu lid-debituri. L-ammont kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz ta` cedola Nru 397/2009. Wara li kienet finalizzata l-procedura skond l-Art 416 tal-Kap 12, kienu ammessi jikkonkorru ghal dak l-ammont tliet socjetajiet :–

**1) Is-socjeta` Borg & Aquilina Limited, li tat bidu ghall-procediment ;**

**2) Is-socjeta` Bank of Valletta plc ; u**

**3) Is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-prova tal-krediti</u>**

Il-perit legali ghamel riferenza ghall-provi akkwiziti fir-relazzjoni tieghu. Abbazi ta` dawk il-provi, kif ukoll wara li ta konsiderazzjoni ghas-sottomissjonijiet bil-miktub li saru mill-konkorrenti, ippropona l-gradwazzjoni tal-krediti. Ir-relazzjoni peritali fl-assjem taghha tikkostitwixxi prova. Din il-Qorti sejra taghmel sintesi tal-provi saljenti li ressqu l-kredituri.

1. **<u>Borg & Aquilina Limited</u>**

Jirrizulta li din il-kumpannija ghandha titolu ezekuttiv kontra d-debituri in kwistjoni. Jidderiva minn sentenza li kisbet favur taghha fil-kawza Citaz Nru 16/2005 AL li kienet deciza fit-12 ta` Lulju 2007 – liema sentenza ghaddiet imbaghad in gudikat. In segwitu kienet insinwata ipoteka gudizzjali generali (Nru 19051/2007) u ipoteka specjali addizzjonali (Nru 20159/2007).

Il-kreditu kopert mit-titolu ezekuttiv jammonta ghal **<u>€18,543.67</u>** maqsum hekk –

| | |
|---|---|
| sorte | € 10,417.14 + |
| imghax sa Frar 2013 | € 6,762.86 |
| spejjez legali | € 1,238.45 |
| VAT | € 125.22 |
| kunsinnatarju | € 4,612.16 |

Kienu esebiti d-dokumenti li jikkorraboraw il-kreditu. Fejn xi dokumenti kienu mankanti, bhal fil-kaz ta` xi ricevuti tal-hlas lill-kunsinnatarju, kien hemm konferma bil-gurament tal-hlas minn rapprezentant tal-kreditur.

2. **<u>Bank of Valletta plc</u>**

Jirrizulta li fit-18 ta` Lulju 2005, id-debituri in kwistjoni kkonkludew att pubbliku ta` kostituzzjoni ta` debitu mal-bank kredituri fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri ghall-ammont ta` Lm 227,012.74.

Il-bank kredituri talab il-hlas permezz ta` ittra ufficjali tas-26 ta` Ottubru 2006.

Ghalkemm saru xi hlasijiet, il-kreditu tal-bank illum huwa ta` €616,049.34.

Kienu esebiti d-dokumenti li jikkorraboraw dan il-kreditu. Fosthom serje ta` noti ta` iskrizzjoni ta` ipoteka li taghhom l-perit legali ndika d-dettalji.

Il-pretensjoni tal-bank kreditur ghandha s-sahha ta` titolu ezekuttiv anke fl-ambitu ta` dan il-procediment.

**3. <u>Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited</u>**

Jirrizulta li din il-kumpannija ghandha titolu ezekuttiv kontra d-debituri in kwistjoni. Jidderiva minn sentenza li kisbet favur taghha fil-kawza Avviz Nru 109/2005 JAB li kienet deciza fid-29 ta` Ottubru 2007 – liema sentenza ghaddiet imbaghad in gudikat. In segwitu kienet insinwata ipoteka gudizzjali generali (Nru 9293/2009) ghas-somma ta` €7,723.50 li tkopri sorte u spejjez bir-riserva tal-imghax legali.

Kienu esebiti d-dokumenti li jikkorraboraw il-kreditu.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Spejjez privileggjati</u>**

Kif tajjeb osserva l-perit legali, il-kwistjoni bejn il-partijiet ma tirrigwardax l-entita` tal-pretensjonijiet rispettivi taghhom izda tirrigwarda l-pregradwazzjoni fis-sens illi Borg & Aquilina Limited qeghda tivvanta favur taghha privilegg generali fuq l-ispejjez li nkorriet sabiex il-vetturi (li wara nbieghu bis-subbasta) jinzammu ghand

kunsinnatarju, pretensjoni li hija kontestata mill-Bank of Valletta plc.

Il-materja kienet trattata in extenso kemm fin-noti ta` osservazzjonijiet kif ukoll fir-relazzjoni peritali. A skans ta` ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal kull ma kien rilevat.

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jikkontesta l-fondatezza tal-posizzjoni illi ha l-Bank of Valletta plc meta dan sostna illi wara l-esekuzzjoni tal-mandat ta` qbid ezekuttiv, Borg & Aquilina Limited ma kellhiex tirrikorri ghall-elevazzjoni tal-vetturi u ghall-hatra ta` kunsinnatarju tenut kont tal-fatt illi l-ispiza tal-kunsinnatarju giet tistwa daqs kemm kienu jiswew il-vetturi. U kwindi, skond il-Bank of Valletta plc, dawk l-ispejjez ma kellhomx jitqiesu bhala utili ghall-kredituri kollha u allura ma kellhomx jikkostitwixxu privilegg.

Il-perit legali jsostni li l-ispejjez tal-kunsinnatarju jikkwalifikaw bhala spejjez gudizzjarji. Jirrikonoxxi illi l-ispiza telghet mhux bi htija ta` Borg & Aquilina Limited. U jaghti ragunijiet li jaghmlu hafna sens. Ighid ukoll illi tenut kont tan-natura tal-oggett maqbud, cioe` vetturi, l-interess finali tal-kredituri kollha kellu jkun illi l-vetturi jitnehhew mill-pussess tad-debituri

Din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-perit legali. U zzid tghid hekk.

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Mejju 1950 fil-kawza "**Angelo Aquilina vs Maria Camilleri et**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :

*L-ispejjez privileggjati, f`materja ta` konkors bejn diversi kredituri, huma dawk li jsiru fl-utilita` komuni tal-kredituri kollha, bhal ma huma dawk li jsiru biex il-haga li*

*fuqha jikkonkorru l-kredituri tigi prodotta fil-vantagg ta` kulhadd.*

Li kieku ma kienx ghal Borg & Aquilina Limited li elevat il-vetturi in kwistjoni – din il-Qorti tghid – tempestivament u cioe` hames xhur wara l-presentata tal-kawza f`Lulju tal-2005 – meta l-mandat kien ghadu kawtelatorju – il-probabilita` hi illi kieku ma sarx hekk, ftit li xejn kien ikun hemm cans <u>reali</u> li s-sentenza ta` kundanna (li giet sentejn wara l-elevazzjoni) kienet tissarraf f`ezekuzzjoni <u>effettiva</u> tas-sentenza. Id-dmir tal-Qorti huwa li taghmel gustizzja skond il-ligi. Ghax hu hekk mhix sejra tkun il-Qorti li ticcensura l-operat ta` kreditur li kiseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju ta` qbid – mandat li ma kienx kontestat lanqas mid-debitur – u pprevalixxa ruhu mill-istrumenti kollha permessi mil-ligi sabiex l-ezekuzzjoni tkun tassew <u>effettiva</u> u mhux tispicca tkun *a mere paper exercise.* Il-Qorti hija tal-fehma illi kif svolgew il-fatti, bid-decizjoni taghha li tahtar kunsinnatarju, Borg & Aquilina Limited kienet qeghda thares l-interessi taghha fl-ewwel lok, pero` dan mhux ad eskluzjoni ta` kwalsiasi kreditur iehor tal-istess debituri. Jekk *in ultima analisi* gara li l-ispejjez tal-kunsinnatarju spiccaw qarrbu ghall-prezz li gabu l-vetturi fis-subbasta, dan ma ghandux ihassar il-privilegg.

**Ikkunsidrat :**

## V. <u>Konkluzjonijiet</u>

Il-**<u>konkluzjonijiet</u>** tal-perit legali dwar il-**<u>gradwazzjoni tal-krediti</u>** kienu dawn –

1) <u>Fl-ewwel grad</u>, kellha tithallas lil Borg & Aquilina Limited is-somma ta` €4,612.16 ghax din is-somma hija munita bil-privilegg generali li ghalih hemm riferenza fl-Art 2004(1) tal-Kap 16.

2) <u>Fit-tieni grad</u>, kellha tithallas lil Bank of Valletta plc is-somma ta` €1,694.71 li hija l-bilanc bejn l-ammont li ghandu jithallas fl-ewwel grad lil Borg & Aquilina Limited u l-ammont li kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti bic-cedola in kwistjoni. U dan abbazi tal-fatt illi l-ipoteki insinwati mill-Bank of Valletta plc huma kollha pozjuri l-ipoteki insinwati minn Borg & Aquilina Limited u Alf Mizzi & Sons Limited.

3) <u>Fit-tielet grad</u>, jidhol dak li Borg & Aquilina Limited fadlilha tigbor mill-kreditu taghha billi l-ipoteka kienet insinwata fl-2007. Minn dan il-bilanc pero` Borg & Aquilina ma hija sejra tirkupra xejn ghaliex ma hemmx fondi li minnhom jista` jigi sodisfatt.

4) <u>Fir-raba` grad</u>, jidhol l-ahhar il-kreditu kollu ta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited billi l-ipoteka kienet insinwata fl-2009. Pero` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ma hija sejra tirkupra xejn ghaliex ma hemmx fondi li minnhom jista` jigi sodisfatt il-kreditu taghha.

Il-Qorti **<u>tikkondividi</u>** l-konkluzjonijiet tal-perit legali soggett ghal dak illi sejra tipprovdi dwar l-ispejjez ta` dan il-procediment.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi tiddikjara li fir-rigward tal-ammont ta` sitt elef sitt mija u hamsin Ewro (€6,650) li kien depositat taht l-awtorita` tal-qorti b`cedola ta` depozitu numru 397/2009 fl-ismijiet "Borg & Aquilina Limited C-496 vs Gesmond sive Jesmond Sant ID Nru 17766M u martu Rita Sant ID Nru**

**151865M", il-gradwazzjoni tal-krediti ghandha ssir kif gej –**

**1) <u>Fl-ewwel grad</u>, is-somma ta` erbat elef sitt mija u tnax-il Ewro sittax –il centezmu (€4,612.16) dovuta lil Borg & Aquilina Limited, rappresentanti l-ispejjez tal-kunsinnatarju kif fuq spjegat, liema ammont jikkwalifika bhala spiza gudizzjarja privileggjata a tenur ta` l-Art 2004(1) tal-Kap 16.**

**2) <u>Fit-tieni grad</u>, is-somma ta` elf sitt mija erbgha u disghin Ewro wiehed u sebghin centezmu (€1,694.71) dovuta lil Bank of Valletta plc li tirrapprezenta l-bilanc li jkun fadal mill-ammont depositat, stante illi l-ipoteki insinwati mill-Bank of Valletta plc huma kollha pozjuri l-ipoteki insinwati mill-kredituri konkorrenti l-ohra.**

**3) <u>Fit-tielet grad</u>, jidhol dak li Borg & Aquilina Limited fadlilha tigbor mill-kreditu taghha. Billi mill-ammont depositat ma sejjer jibqa` xejn x`jithallas, il-bilanc tal-kreditu ta` Borg & Aquilina mhux se jkun sodisfatt.**

**4) <u>Fir-raba` grad</u>, jidhol il-kreditu kollu ta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Billi mill-ammont depositat ma sejjer jibqa` xejn x` jithallas, il-kreditu kollu ta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited mhux se jkun sodisfatt.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jithallsu minn Borg & Aquilina Limited, liema spejjez ghandhom kollha jippregradwaw fl-ewwel grad.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------